MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta tat-13 ta' Jannar, 2014

Numru. 226/2010

**Il-Pulizija**
**[Spettur Frans Micallef]**

**vs**

**William Agius**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi William Agius detentur tal-karta tal-identita` numru 200584(M).

Akkuzat talli:
F'Hal Luqa nhar it-28 ta' Frar 2010, ghall-habta tas-1.30 pm, ikkommetta serq, minn residenza numru Triq il-Gdid, Luqa, ta' liema serq huwa kkwalifikat bil-mezzi, bil-valur, liema valur huwa ta' aktar minn 2329.37 Ewro u bil-lok;

Talli wkoll fl-istess data u fil-granet ta' wara, f'dawn il-gzejjer, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg

misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, indahal sabiex ibieghhom jew imexxihom.

Rat li l-imputat ikkontesta l-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat l-Artikoli tal-Avukat Generali li bih ta l-kunsens tieghu sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluz il-process verbal u x-xhieda kollha inkluz dawk tad-difiza kif ukoll semghet it-trattazzjoni taz-zewg nahat.

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza tittratta fuq allegat serq minn residenza, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u bil-valur u bil-lok. Illi rrizulta mix-xhieda dwar l-investigazzjoni mill-prosekutur l-Ispettur Frans Micallef, illi mill-post tas-serqa kienu ntlemhu tliet (3) persuni johorgu jigru b'xi haga goffa bajda f'idejhom u dawn intlemhu jidhlu go vettura tal-ghamla Kia Mentor bajda bin-numru ta' registrazzjoni AAQ 975 li wara l-accertamenti necessarji rrizulta li kienet registrata f'isem William Agius. Illi meta gie mistoqsi William Agius dan ikkonferma li dik il-karrozza kienet tieghu izda li kienet ilha tintuza minn hu t-tfajla tieghu u cioe` Roderick Debono li min-naha tieghu kkonferma dan il-fatt.

Illi saret "identification parade" wara li d-derubat identifika minn ktieb mimli ritratti ta' persuni varji lill-imputat, u minn din il-"identification parade" id-derubat Bondin rega' gharaf lill-istess imputat.

L-imputat William Agius kompla jkun konsistenti anke wara dan l-izvilupp billi nnega l-involviment tieghu u jghid illi dakinhar kien ghand ommu flimkien mat-tfajla tieghu.

Xehed id-derubat William Bondin li kien fid-dar tieghu meta saret is-serqa in kwistjoni. Huwa spjega illi dak il-hin ta' xi 1.30 pm tat-tmienja u ghoxrin (28) ta' Frar 2010 il-genituri tieghu kienu marru dawra bil-karrozza meta xi hin

wara sema’ il-bieb ta’ barra jinstabat u fl-istess hin it-tliet iklieb taghhom bdew jinbhu. Huwa ddecieda illi johrog minn go bieb li jaghti ghal gnien u mar id-dar ta’ kuginuh sabiex jghidlu bis-suspetti tieghu u meta gew lura Bondin lemah ragel b’xi lizar jew borza bajda f’idu fl-apertura li taghti mil-“living room” ghal gol-gnien u dan ir-ragel rah ukoll. Illi William Bondin identifika lill-imputat bhala dik il-persuna izda qal illi dakinhar l-imputat kellu lehja aktar folta minn ta’ dakinhar li xehed. Illi l-identifikazzjoni tal-imputat mill-“identification parade” saret mill-istess William Bondin u f’dik l-okkazjoni kien identifika ukoll lill-imputat.

Xehed ukoll Samuel Cachia li jigi gar tal-familja Bondin u li kkonferma li anke hu ra tliet minn nies hiergin mir-residenza tal-istess Bondin u li wiehed minnhom kellu borza kbira bajda.

Rat ukoll ir-rapport tal-espert kalligrafu nominata mill-Qorti Dr. Juliana Scerri Ferrante (Dok JSF 6) li kellha l-inkarigu sabiex tezamina borza tal-plastik kontenenti xi muniti u fiha kien hemm xi noti bil-miktub liema borza nstabet fid-dar ta’ William Agius u li allegatament dik il-borza kienet ukoll giet misruqa mid-dar tal-familja Bondin. Illi l-konkluzjoni ta’ dan ir-rapport (fol 98 tal-process) hu li l-probabilita` kienet illi dik in-nota ma kienitx miktuba mid-derubat Andrew Bondin izda minn xi hadd iehor.

Illi rat l-Artikoli tal-Avukat Generali tal-ghoxrin (20) ta’ Ottubru 2010 fejn talab sabiex tinstab htija taht dawn l-Artilu u cioe`:

1. Artikoli 20, 261 (b), (c), 263, 267, 278, 279 (b) u 280 (2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
2. Artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
3. Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
4. Artikoli 17, 20, 23, 23C, 31, 532A u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat illi wara li nghataw diversi differimenti lill-prosekuzzjoni sabiex iggib il-prova tar-recediva, din baqghet inadempjenti minghajr raguni valida, u ghalhekk

il-Qorti ma kellhiex triq ohra li tiddikjara l-provi tal-prosekuzzjoni maghluqa.

Semghet ix-xhieda tad-difiza u cioe` lill-imputat u lill-ommu Emanuela Agius. Min-naha tieghu l-imputat rega' ikkonferma li hu ma kellu l-ebda involviment mas-serqa u tenn illi meta sabuh il-pulizija dakinhar kien rieqed mat-tfal tieghu d-dar tieghu. Min-naha taghha ommu kkonfermat illi kull nhar ta' Hadd l-imputat dejjem imur jiekol mat-tfajla tieghu u t-tfal taghhom ghandha u jitilqu f'xi siegha jew is-siegha u nofs ta' wara nofsinhar.

Ikkunsidrat, illi mill-assjem tal-provi gie konkluz illi id-derubat identifika lill-imputat darbtejn u cioe` mill-ktieb tar-ritratti li l-pulizija wrietu u t-tieni darba mill-"line up" fl-"identification parade" u dan b'mod pjuttost determinanti. Illi giet identifikata ukoll illi l-karrozza tas-serqa hija registrata f'isem William Agius izda skont l-istess Agius din kienet ilha mislufa lil Roderick Debono ghall-ahhar xahar qabel is-serqa.

Min-naha tad-difiza rrizulta illi dan Roderick Debono jigi hu t-tfajla tal-imputat u li ghalkemm gie investigat ghas-serqa in kwistjoni, ma kienx hemm bizzejjed provi kontrih skont kif xehed in kontro-ezami l-ispettur Frans Micallef. Illi kif ppruvat tohrog id-difiza, dan Roderick Debono ghandu fattizzi simili hafna ghal dak tal-imputat, izda din il-Qorti ma tistax tiehu din bhala prova ghaliex ma gie esebit l-ebda ritratt tal-istess Debono. Illi l-fehma ta' din il-Qorti hi li l-prosekuzzjoni naqset fl-investigazzjoni taghha illi tinkludi lil Roderick Debono fil-"line up" mal-imputat.

Illi ghaldaqstant, tenut kont tac-cirkostanzi kollha flimkien mal-provi migjuba, thoss illi l-ewwel (1) akkuza fil-konfront tal-imputat giet ippruvata kontra l-imputat minhabba l-fatti hawn fuq imsemmija izda t-tieni (2) akkuza ma gietx stante li din hija alternattiva ghal dik tal-ewwel.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 20, 261 (b), (c), 263, 267, 278, 279 (b) u 280 (2), 334, 49 u 50, 17, 20, 23, 23C, 31, 532A u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta; qeghda ssib lill-imputat William Agius hati biss tal-ewwel

(1) akkuza, u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tikkundannah ghal tmien (8) xhur prigunerija sospizi ghal sentejn (2) filwaqt li tilliberah mit-tieni (2) akkuza.

Finalment, spjegat fi kliem semplici lill-imputat ir-riperkussjonijijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------